**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 22 - L-ERBGHA 13 TA' JANNAR 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier (permezz ta' zoom) |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier (permezz ta' zoom) |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa live kemm fuq l-internet kif ukoll fuq il-paġna ta' Facebook.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa lill-Kunsill li ma kienx hemm apoloġiji. Huwa informa wkoll li żewġ Kunsilliera qed jingħaqdu mal-laqgħa permezz ta' *zoom*. Dan wara emendi fil-liġi li jgħamlu dan permessibbli.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u approvati *nem con* fuq proposta tal-Kunsillier Brincat issekondat mill-Kunsillier Gatt.

2.2 Dwar punt 3.6 dwar l-art ta' naħa minnhom mill-mitħna, s-Sindku infurmat li sar il-konvenju nhar l-10 ta' Diċembru 2020.

2.3 Dwar punt 3.12 is-Sindku infurmat li l-proposta dwar siġar fil-Bye Pass ta' Birguma għaddiet lil Ambjent Malta.

2.4 Dwar punt 3.10 il-Kunsillier Gatt staqsa jekk kienx hemm komunikazzjoni dwar dan il-punt. Is-Sindku infurmatu li kienet se ssemmi dan il-punt fil-kommunikazzjoni aktar il-quddiem.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku infurmat li nhar it-22 ta' Diċembru saret laqgħa bejnha, l-Ariċipriet, il-Perit Daphne Fenech, is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Mario Fava, l-President tal-AKL, bħala moderatur. Din kienet titratta l-kwistjoni tar-restawr tal-istatwi. Se ssir laqgħa aktar il-quddiem biex possibilment jintlaħaq ftehim.

3.2 Is-Sindku infurmat li saret komunikazzjoni mal-pulizija dwar il-karavans f'Baħar iċ-Ċagħaq. Il-Pulizija qed isegwu dan il-każ.

3.3 Dwar il-*bufferzone* tal-Mitħna, s-Sindku infurmat li kkomunikat mal-Ministru ta' l-Ambjent. Huwa se jiddiskuti din il-proposta mal-Lands Department.

3.4 Is-Sindku infurmat li talbet informazzjoni lill-Ministru tat-Turiżmu dwar li ġie diskuss fil-laqgħa lis saret bejn il-Ministru u l-Kunsill. Huwa infurmaha li se jkun qed jaġġorna lill-Kunsill fil-jiem li ġejjin.

3.5 Is-Sindku infrumat lill-Kunsill u lill-pubbliku li din il-laqgħa se tkun iqsar minn tas-soltu minħabba li l-Kunsill se jkun qed janalizza rapport fid-dettall internament wara din il-laqgħa.

**4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI TA' ĦLASIJIET**

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.2 Il-Kunsill approva (*nem com*) wara proposta mill-Kunsillier Noel Gatt ssekondat mill-Kunsillier Mark Deguara. Dawn jinkludu l-lista tal-pagamenti kif ukoll ir-rendikonti tad-dħul, tal-ordnijiet u l-infiq mill-Petty Cash. Dawn huma annessi f'appendiċi A, B, Ċ u D rispettivament.

**6. MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI**

6.1 Is-SE informa lil-Kunsill li l-minuti ta' dan il-Kumitat intbgħatu ġurnata qabel il-laqgħa minħabba li l-Kumitat iltaqa' jumejn qabel.

6.2 Is-SE qara l-minuti.

6.3 Dawn ġew approvati *nem con* fuq propsta tas-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku. Kopja annessa f'E.

**7. MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI**

7.1 Il-Kunsill approva dawn il-minuti *nem con* fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Marlon Brincat. Kopja annessa f'F.

**8. ESPRESSJONI TA' INTERESS - IL-BELT JEW RAĦAL KULTURALI TAS-SENA 2022 (ĊIRKULARI NUMRU SPI/SCI/8/2020)**

8.1 Il-Kunsill innota li din il-proposta hija interessati ħafna iżda tinvolvi ammont kbir ta' xogħol.

8.2 Il-Kunsillier Brincat ippropona li din tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss sabiex il-Kunsilliera jilħqu jaraw din il-proposta fid-dettall. Il-Kunsill qabel.

**9. PERFORMANCE BONUS TAL-IMPJEGATI**

9.1 Is-SE nforma li dan is-suġġett kien approvat fil-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi.

**10. BAĠIT 2021**

10.1 Is-SE ppreżenta l-baġit hekk maqbul fil-Kunsill fil-laqgħat preċedenti.

10.2 Il-Kunsill approva dan il-baġit.

**11. IL-PJAN TA' ĦIDMA**

11.1 Il-Kunsill iddiskuta dan il-pjan. Is-SE informa li huwa mportanti li l-Kunsill jimxi mal-pjan iżda naturalment il-Kunsill huwa dejjem liberu li jaġġusta l-pjanijiet tiegħu u għalhekk jista' jinbidel kif iħoss il-ħtieġa l-Kunsill.

**12. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

12.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-24 ta' Frar 2021

12.2 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.20pm.

| | |
|---|---|
| ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI | PAUL GATT |
| SINDKU | SEGRETARJU EŻEKUTTIV |